MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 762/2008

**Joseph Borg (ID 316953M)**

***kontra***

**Frans Borg (ID no 588448M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-25 ta` Lulju 2008 li jaqra hekk –

*Illi bejn il-kontendenti u ohrajn hemm kawza li giet prezentata fl-4 ta` Awissu 2000 u li ggib in-numru*

*1634/00JA li giet istitwita mill-intimat odjern kontra r-rikorrenti odjern u ohrajn fl-ismijiet "Frans Borg vs Air Malta plc ; Joseph Borg f`ismu proprju u ezercjenti n-negozju taht l-isem "Lyzler Transport", kif ukoll Carmelo, Emanuel, Mario, Nicholas, Paul u Victor ahwa Borg f`isimhom proprju u ezercjenti n-negozju 'Borg Brothers Removals'" sabiex l-istess konvenuti f`dik il-kawza jigu kkundannati, inter alia, ihallsu lill-attur f`dik il-kawza, il-konvenut fil-kawza odjerna, somma ta` flus per via ta` danni skond kif jirrizulta ahjar fl-imsemmija proceduri, li ghalihom qed isir totali riferenza.*

*Illi l-intimat Frans Borg (attur f`dik il-kawza) kien, f`dawk il-proceduri, ipprezenta kontra r-rikorrent Joseph Borg zewg mandati ta` sekwestru kawtelatorji f`idejn l-Air Malta plc li jgibu n-numru 3096/00 ghas-somma ta` ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u n-numru 42/02 ghas-somma ta` ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000).*

*Illi permezz tal-imsemmija zewg mandati ta` sekwestru kawtelatorji fl-ismijiet indikati gew sekwestrati f`idejn l-Air Malta plc flus dovuti lir-rikorrenti Joseph Borg ammontanti in forza ta` l-ewwel mandat ta` sekwestru msemmi s-somma ta` Lm20,000 illum ekwivalenti ghal €46,580, u in forza tat-tieni mandat ta` sekwestru msemmi s-somma ta` Lm10,000 illum ekwivalenti ghal €23,290.*

*Illi l-imsemmija proceduri istitwiti mill-intimat (attur f`dik il-kawza) ossija l-kawza vera u proprja giet deciza fil-15 ta` Novembru 2004 billi l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talbiet kollha attrici ghaliex sostniet li l-intimat Frans Borg, attur f`dik il-kawza, lanqas biss kellu l-interess guridiku sabiex jistitwixxi tali kawza. Il-konvenut Frans Borg, sokkombenti f`dik il-kawza, intavola appell liema appell gie dikjarat dezert fil-21 ta` Novembru 2007 peress li wara li gie appuntat ghas-smigh hu (ossija l-intimat Frans Borg) naqas milli jipprezenta l-kawtela relattiva.*

*Illi l-intimat Frans Borg (attur f`dik il-kawza) ottjena l-hrug taz-zewg mandati ta` sekwestru kawtelatorju de quo kontra r-rikorrenti odjern ingustament u vessatorjament u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni u imghaxijiet versu l-attur.*

*Illi l-hrug tal-mandati ta` sekwestru kawtelatorji kontra r-rikorrenti odjern ikkawzawlu danni konsiderevoli stante li gie mcahhad ingustament mit-tgawdija tas-somma ta` Lm30,000, ekwivalenti ghal €69,870 u dan bejn id-dati li l-ammonti rispettivi gew sekwestrati f`idejn l-Air Malta plc u depozitati taht l-Awtorita` tal-Qorti u d-data li l-ammont imsemmi gie finalment zbankat mir-rikorrenti wara li l-appell fuq imsemmi gie dikjarat dezert. Id-danni sofferti mir-rikorrenti jikkonsistu fl-imghax legali ghall-perjodu li fih hu gie mcahhad mit-tgawdija tas-somma de quo u cioe` in kwantu ghas-somma ta` Lm20,000, ekwivalenti ghal €46,580, minn Dicembru 2001 sa Dicembru 2007 u in kwantu ghas-somma ta` Lm10,000, ekwivalenti ghal €23,290, minn Settembru 2002 sa Dicembru 2007.*

*Illi d-danni kalkolati bir-rata ta` tmienja fil-mija fis-sena (8% pa) jammontaw komplessivament ghal tnejn u tletin elf, mija u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€32,140.20) ekwivalenti ghal Lm13,800 (u cioe` Lm9,600 fuq is-somma ta` Lm20,000, u Lm4,200 fuq is-somma ta` Lm10,000).*

*Illi jirrizulta wkoll li filwaqt li permezz taz-zewg mandati de quo giet sekwestrata s-somma komplessiva ta` Lm30,000, meta r-rikorrenti gie biex jizbanka mill-Qorti l-flus lilu appartenenti, zbanka b`kollox is-somma ta` disgha u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u sebghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm29,571.66) u cioe` erba` mija u tmienja u ghoxrin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm428.34) anqas ekwivalenti ghal disa` mija u sebgha u disghin ewro u sittin centezmu (€997.60) rapprezentanti l-*

*ispejjez gudizzjarji in konnessjoni mad-depoziti msemmija, li huma wkoll dovuti lir-rikorrenti.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex: [1] tiddikjara illi l-intimat ottjena l-hrug taz-zewg mandati kawtelatorji fuq imsemmija ngustament u/jew b`mod vessatorju, [2] tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti konsistenti f`dak l-imghax kalkolabbli bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) mid-data ta` kull sekwestru sad-data li attwalment gew rilaxxjati l-flus lir-rikorrenti kif ukoll fl-ammont nieqes li huwa rceva meta sar l-izbank, [3] tillikwida d-danni msemmija, fis-somma komplessiva ta` tlieta u tletin elf, mija u seba` u tletin ewro u tmenin centezmu (€33,137.80) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, [4] tordna lill-intimat / konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti / attur id-danni hekk likwidati – kollox skond kif gie dikjarat aktar 'l fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-imghax ulterjuri mil-lum sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` zewg ittri nterpellatorji u tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment, kontra l-intimat li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-<u>31 ta` Lulju 2008</u> li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrent Joseph Borg huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-mandati ta` sekwestru precitati nhargu skond il-ligi in kawtela ta` pretensjonijiet validi u mhux frivoli jew vessatorji kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll preskritti ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta` Malta.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-24 ta` Novembru 2008 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet "*Frans Borg vs Air Malta plc et*" (Citaz. Nru. 1634/2000) li kien dikjarat dezert mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta` Novembru 2007.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Frans Borg vs Air Malta plc et*" (Citaz. Nru. 1634/2000).

Semghet ix-xiehda ta` Michael Portelli fl-udjenza tat-23 ta` Marzu 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud (fol 21 sa fol 28).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-attur (fol 29 sa 31).

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr. Chris Spiteri fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2009 (fol 49 sa fol 52).

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali fit-12 ta` Gunju 2009 (fol 46 sa fol 48).

Semghet ix-xiehda ta` Emmanuel Borg u Mario Borg fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2010 (fol 57 sa fol 63).

Semghet ix-xiehda ta` l-konvenut Frans Borg fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2010 (fol 69 sa fol 86).

Semghet il-kontroezami tal-attur fl-udjenza tal-10 ta` Jannar 2011 (fol 93 sa fol 98).

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr Kris Spiteri fl-udjenza ta` 3 ta` Marzu 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud (fol 102 sa fol 162).

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr Kris Spiteri fl-udjenza tal-11 ta` April 2011 u rat id-dokumenti esebiti mix-xhud (fol 164 sa fol 177).

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-istanza</u>**

Fl-**<u>4 ta` Awissu 2000</u>**, il-konvenut tal-lum kien ipprezenta citazzjoni kontra l-attur tal-lum u ohrajn bin-Nru.1634/2000/JA fejn *inter alia* kien talab mill-qorti dikjarazzjoni ta` invalidita` ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ta` l-ghoti ta` *tender* mill-Air Malta plc ghal "*Transport & Delivery Services*" lill-attur tal-lum, talab it-thassir tat-*tender* u likwidazzjoni tad-danni. Fil-mori ta` dik il-kawza, il-konvenut ipprezenta zewg mandati ta` sekwestru

kawtelatorji kontra l-attur tal-lum. Effett tal-ezekuzzjoni taz-zewg mandati, is-sekwestratarji effettwaw depozitu taht l-awtorita` tal-qorti.

Apparti l-eccezzjonijiet fil-mertu, l-attur tal-lum u ohrajn taw eccezzjoni preliminari f`dik il-kawza fejn eccepew il-karenza tal-interess tal-konvenut tal-lum u fejn allura l-attur tal-lum u ohrajn talbu li f`dik il-kawza jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. B`sentenza moghtija fil-**<u>15 ta` Novembru 2004</u>** din il-Qorti (diversament presjeduta) laqghet l-eccezzjoni preliminari ta` l-karenza ta` interess u lliberat lill-attur tal-lum u ohrajn mill-osservanza tal-gudizzju.

Fost konsiderazzjonijiet ohra, il-Qorti qalet hekk –

*Illi fil-kaz in ezami allura kien jispetta ghas-socjeta' kummercjali li l-attur kellu bi shab ma` Frank Farrugia illi tapplika ghat-tender in kwistjoni. Hu veru li donnu l-Air Malta ma tantx qaghdet tfettaq fuq dan u lill-attur kienet akkordatlu tenders precedenti u jidher li anke wara l-kaz in kwistjoni l-attur ibbenefika minn xi tenders ohra. Il-fatt jibqa' li suppost li biex japplika kellu jkollu l-licenzja ta' burdnar u palesament hu ma kellux dan. Allura s-socjeta' Air Malta qatt ma tista' tigi ordnata minn din il-Qorti biex takkordalu t-tender in kwistjoni jew li l-Qorti tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet tieghu illi huma l-pern tal-kawza kollha. Dan ghaliex il-Qorti ma tistax ma tiehux konjizzjoni tal-kondizzjoni imsemmija, liema kondizzjoni l-attur qatt ma jista' jissodisfa. Billi allura hu personalment ma jistax jibbenefika mis-sentenza, anke jekk jirrizulta li l-Air Malta agixxiet hazin, ma hemmx lok li l-Qorti tkompli tisma' l-kawza ghaliex huwa karenti l-interess guridika li ghandu jkollu kull min iressaq il-pretensjonijiet tieghu quddiem il-Qrati taghna*.

Fis-**<u>6 ta` Dicembru 2004</u>**, il-konvenut tal-lum appella mis-sentenza. Fis-**<u>27 ta` Novembru 2007</u>**, l-appell tieghu kien dikjarat dezert mill-Qorti tal-Appell billi *l-*

*appell ma giex kawtelat skond il-ligi minkejja li Frans Borg gie debitament notifikat bl-avviz tal-hlas tal-kawtela u bl-avviz tas-smigh fil-31 ta` Ottubru 2007* (ara fol 266 tal-process allegat).

Issa bl-istanza tal-lum, l-attur qieghed ifittex ghal danni, li indika b`mod specifiku, u li, skond l-attur, garrab bhala konsegwenza tal-ezekuzzjoni taz-zewg mandati. Il-kawzali tal-attur tal-lum tghid hekk –

*Illi l-intimat Frans Borg (attur f`dik il-kawza) ottjena l-hrug taz-zewg mandati ta` sekwestru kawtelatorju de quo kontra r-rikorrenti odjern ingustament u vessatorjament u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni u imghaxijiet versu l-attur.*

Skond l-attur, il-vessatorjeta` tal-istanza tal-konvenut tal-lum f`dik il-kawza, u allura r-responsabilita` tieghu ghal danni, kien kostitwit mill-fatt –

*Illi l-imsemmija proceduri istitwiti mill-intimat (attur f`dik il-kawza) ossija l-kawza vera u proprja giet deciza fil-15 ta` Novembru 2004 billi l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talbiet kollha attrici ghaliex sostniet li l-intimat Frans Borg, attur f`dik il-kawza, lanqas biss kellu l-interess guridiku sabiex jistitwixxi tali kawza. Il-konvenut Frans Borg, sokkombenti f`dik il-kawza, intavola appell liema appell gie dikjarat dezert fil-21 ta` Novembru 2007 peress li wara li gie appuntat ghas-smigh hu (ossija l-intimat Frans Borg) naqas milli jipprezenta l-kawtela relattiva.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>**

Il-konvenut invoka favur tieghu l-preskrizzjoni tas-sentejn kontra l-azzjoni attrici abbazi tal-**<u>Art.2153 tal-Kap.16</u>** li jaqra hekk –

*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.*

Bhal fil-kaz tad-disposizzjonijiet l-ohra, fejn il-ligi tistabilixxi l-preskrizzjoni jew il-perenzjoni tal-azzjoni, din il-Qorti trid tqis ghall-kaz tal-lum dak previst mill-**<u>Art.2137 tal-Kap.12</u>** li jaqra hekk –

*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata ; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

Mela anke fil-kaz tal-lum il-preskrizzjoni tas-sentejn tghodd minn dakinhar li l-azzjoni attrici setghet tigi ezercitata.

Skond il-konvenut, kif jirrizulta min-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, il-hsara hija fattur istantaneju. Ghalhekk, jekk saret hsara, din sehhet meta saru d-depoziti fil-qorti, in esekuzzjoni taz-zewg mandati kawtelatorji, u cioe` fit-18 ta` Dicembru 2001 ghar-rigward tad-depozitu b`cedola 1048/2001, u fis-16 ta` Settembru 2002 ghar-rigward tad-depozitu b`cedola 964/2002. Ghalhekk, skond il-konvenut, l-azzjoni attrici kienet preskritta.

Il-fehma tal-konvenut mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.

Minn analizi tal-**<u>Art.2137 tal-Kap.16</u>**, wiehed isib illi l-ligi ma tghidx illi l-azzjoni tigi ezercitata fid-data li ssir il-hsara – din il-Qorti tghid – b`ghaqal u b`gherf kbir – izda fid-data meta *l-azzjoni **tista`** tigi ezercitata* u dan propju ghaliex fil-kaz ta` azzjonijiet *ghall-hlas tal-hsarat mhux*

*ikkagunati b'reat* id-data li fiha jista` jsir reklam *ghall-hlas tal-hsarat* mhijiex l-istess dejjem. Ghadd huma l-ezempji : haga huwa incident tat-traffiku fejn persuna ggarrab hsara go vettura, kagun tal-imprudenza ta` haddiehor, u allura taf li l-hsara kkagunata lil dik il-vettura sehhet f`data partikolari ; u haga ohra huwa l-kaz fejn persuna ggarrab mard fuq ix-xoghol, kagun tal-imprudenza ta` haddiehor, fejn allura l-azzjoni tkun tista` tigi ezercitata biss meta jkun determinat li dak il-mard ikun gara fuq ix-xoghol jew minhabba x-xoghol. Ghalhekk l-gherf tal-legislatur u l-infondatezza tal-hsieb tal-konvenut.

Fil-kaz tal-lum l-azzjoni attrici hija ghal danni bhala konsegwenza ta` l-effett ta` zewg mandati kawtelatorji li skond l-attur saru *ingustament u vessatorjament.* Kienux dawk il-mandati tassew hekk ghad irid jigi stabbilit `il quddiem. L-attur beda l-azzjoni tal-lum fil-**25 ta` Lulju 2008**. Iz-zewg mandati kawtelatorji baqghu fis-sehh sakemm baqghet pendenti l-kawza. L-azzjoni attrici **kif dedotta** setghet tigi ezercitata b`sehh mill-jum illi fih il-Qorti tal-Appell fil-kawza "*Frans Borg vs Air Malta plc et*" (Citaz. Nru. 1634/2000) iddikjarat dezert l-appell tal-konvenut tal-lum mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-istess kawza u cioe` fis-**27 ta` Novembru 2007**. Ladarba l-istanza attrici ghal danni hija fondata fuq allegata vessatorjeta`, u ladarba l-vessatorjeta` se mai kellha tirrizulta mill-atti tal-kawza l-ohra, l-attur sabiex jagixxi kellu jistenna l-esitu ta` dik il-kawza. Din il-Qorti ssib konfort ghal dak li qeghda tghid fl-Art.836(9) tal-Kap.12. Del resto kienet dik il-kawza li kienet qeghda izzomm fis-sehh dawk il-mandati kawtelatorji. Kwindi billi m`ghaddewx sentejn minn *dak in-nhar li* l-azzjoni setghet *tigi ezercitata*, ma hemmx preskrizzjoni.

**Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghda tkun respinta**.

**Ikkunsidrat :**

## IV. **Dritt**

Bl-Art.311 tal-Att XXIV tal-1995, sar l-Art.836 tal-Kap.12 kif inhu llum. **Is-subartikolu (9) tal-Art.836** (li ghalih din il-Qorti diga` ghamlet riferenza) ighid hekk –

*Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta’ qabel dan, il-qorti tista’, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f ’kawzi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti tal-att kawtelatorju u ta’ kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta’ din l-azzjoni.*

Il-kazijiet elenkati fis-**subartikolu (8)** huma dawn –

(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmlix il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mil-ligi.

(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta` l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju, huwa jkun b`xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed.

Izda d-disposizzjonijiet ta` dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta’ urgenza ghall-hrug tal-mandat.

(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita` tieghu u dwar il-kapacita` finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew.

**(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b`malizzja, tkun frivola, jew vessatorja.**

Diga` huwa stabbilit li l-kawzali ghall-azzjoni tal-lum hija l-allegata vessatorjeta` fl-azzjoni li kien ipprezenta l-konvenut tal-lum kontra l-attur u ohrajn.

Qabel sar l-Art.836 kien inhu llum, il-qrati taghna kienu qiesu istanzi ghal danni allegatament ikkagunati bhala konsegwenza tal-ezekuzzjoni ta` mandati kawtelatorji.

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Jannar 1992 fil-kawza "**Spiteri vs Camilleri**", din il-Qorti (PA/JSP) irraffermat dawn il-principji –

1) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "*qui suo iure utitur, non videtur damnum facere*", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

2) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

3) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "*Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca*" ("**Demajo vs Page**" - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex

jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

**4) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f`kazijiet ta` vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Carbone nomine" - XIII. 434 -10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-qorti ghall-hrug ta` tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite*". ("Mugliette vs Bezzina" - XXVI. I. 405).**

5) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta` vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi : *"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti".* Applikat dan il-principju ghad-dritt ta` azzjoni kontra persuna jfisser illi : "*chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..".* (Baudry - Lanactinerie. - **Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obbligazioni**- Vol. VI. Pg.560).

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Mejju 2005 fil-kawza **"Attard noe vs Abela"** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –

*Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin : l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghal jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghal hsara mgarrba minn*

*haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur") ; it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita' gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn ;*

*Illi l-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jinbidel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddierhor. F'dan id-dawl ta' min ighid li "non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola 'pretensione'"* ;

*Illi ghalhekk il-fatt wahdu li persuna tkun bdiet procedura (maghduda maghha l-hrug ta` mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istharrig tal-Qorti, ma tigix milqugha, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull procedura kienet saret b'abbuz tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti ;*

*Illi generalment l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta' irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

**Ikkunsidrat :**

**V. Mertu**

**Sabiex l-attur jirnexxi fl-istanza tieghu tal-lum, irid igib il-prova tal-vessatorjeta`, naxxenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravement kolpuza. Din il-prova tinkombi lilu.**

Fil-kawza tal-lum, bhala difiza kontra l-istanza attrici, il-konvenut irriafferma, anke bil-provi illi ressaq, illi ghalkemm kien tassew li fit-*tender* tal-Air Malta plc huwa kien ghamel il-*bid* wahdu, u ghalkemm kien tassew illi ma kellux hu personalment licenzja ta` burdnar, l-istess ma setax jinghad fil-kaz ta` l-erba` hutu ghax kienu ftehmu ma` l-attur odjern sabiex ikun *front* ghalihom fil-process tat-*tendering*, billi hu (l-attur tal-lum) kellu licenzja ta` burdnar waqt li huma ma kellhomx, bir-rizultat li ghalkemm l-attur kiseb it-*tender* bhala *Lyzer Transport* fir-realta` t-*tender* kien ittiehed u kien se jkun ezegwit minn hutu bhala *Borg Bros Removals.*

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, din il-Qorti qieset, wiehed wara l-iehor, il-paragrafi li jaghmlu c-citazzjoni (debitament konfermati bil-gurament fid-dikjarazzjoni) li pprezenta l-konvenut tal-lum fil-kawza l-ohra, qieset ukoll id-difiza tal-attur tal-lum u ohrajn (flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata) kif ukoll il-provi akkwiziti f`dik il-kawza.

Ikkunsidrat inoltre l-provi l-ohra li ngabru fil-kawza tal-lum.

**Tghid mill-ewwel illi mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti llum li taghti decizjoni mill-gdid dwar dak li**

**kien deciz fil-procediment l-iehor. Ir-rwol ta` din il-Qorti huwa li tiddeciedi jekk l-ispedizzjoni tal-mandati kawtelatorji f`dik il-kawza kenitx vessatorja b`mod illi kkagunat danni lill-attur.**

Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Settembru 2002 fil-kawza "**Zarb vs Port Cottonera Limited**" din il-Qorti (PA/TM) ippronunzjat ruhha fis-sens illi mhux kull min jitlef kawza fejn ikun presentat mandat kawtelatorju jkun passibbli ghal danni jew penali, izda jrid jirrizulta li min talab u ottjena l-hrug tal-mandat kawtelatorju, *ancorche`* tilef il-kawza li fetah, ikun agixxa in *mala fede* jew vessatorjament. Li allura jfisser illi l-fatt wahdu li persuna tkun bdiet procedura (maghduda maghha l-hrug ta` mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istharrig tal-Qorti, ma tigix milqugha, ma jfissirx b`daqshekk biss li kull procedura kienet saret b`abbuz tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti.

Fl-affidavit tieghu, l-attur fis-sostanza jikkonferma l-kontenut tar-rikors guramentat li bih ippromwova l-azzjoni tal-lum. It-*tender* tal-Air Malta plc kien ghal *transport and delivery services.* Huwa rebah dak it-*tender* anke ghaliex kien jikkwalifika biex jaghmel il-*bid* billi kellu l-licenzja ta` burdnar. Il-konvenut tal-lum ma seta` qatt, skond l-attur, jissottometti *bid* u jikkontesta l-esitu tal-process tal-ghoti tat-*tender* bil-kawza li ppropona quddiem din il-qorti diversament presjeduta, ghax ma kellux licenzja ta` burdnar. Waqt is-smigh tal-provi fil-kawza tal-lum, l-attur xehed illi Nicholas, Mario, Emanuel u Victor ahwa Borg (li jigu hut il-konvenut) ma kienux jigu minnu. Xehed ukoll illi d-ditta *Lyzer Transport* kienet tieghu u tieghu biss. Ikkonferma li dawk l-istess ahwa Borg li kienu jezercitaw il-kummerc bhala *Borg Bros Removals* ma kellhomx licenzja ta` burdnar.

Il-Qrati taghna dejjem gharfu li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jinbidel f`abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b`mod fieragh, igib

lill-parti avversarja f`qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m`ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta` kwistjonijiet ta` din ix-xorta, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista` jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor.

Din il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi fil-kors tal-procediment l-iehor l-attur tal-lum ma hax passi ghar-revoka tal-mandati in kwistjoni kemm dawn damu fis-sehh dak il-procediment kien dikjarat dezert fl-appell,

Din il-Qorti qieset il-provi u ma ssibx l-estremi tal-vessatorjeta`.

Lanqas fir-ragunijiet li wasslu lill-konvenut tal-lum biex ma jikkawtelax l-appell.

Fl-atti hemm resokont shih tal-fatti u cirkostanzi li pprecedew il-hlas tal-kawtela – ewlenija fosthom is-sahha prekarja ghall-ahhar ta` missier l-ahwa Borg (mhux l-attur tal-lum). Skond il-konvenut tal-lum, il-kawtela ma thallsitx b`rispett lejn missier l-ahwa Borg, li kien fl-ghatba tal-mewt.

F`dawk ic-cirkostanzi, *retromarcia* setghet tiswa biex il-missier imur ghand il-Hallieq bil-konfort illi jara lil uliedu – allura l-ahwa Borg – **<u>kollha flimkien</u>** – fit-triq tar-rikonciljazzjoni wara zmien ta` konflitt u disgwid.

Hekk johrog mill-provi li semghet din il-qorti.

**Din il-Qorti tghid illi mhuwiex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi l-konvenut tal-lum ma hallasx il-**

**kawtela tal-appell biex isostni mgieba vessatorja fil-konfront ta` hutu.**

Din il-Qorti tghid illi fil-procediment l-iehor, il-pern tal-istanza tal-konvenut tal-lum kien illi t-*tender* tal-Air Malta plc kien illegali u abbusiv. U ta r-ragunijiet tieghu fid-dettall. Fost talbiet ohra, il-konvenut tal-lum hemm talab il-hlas tad-danni. U kkwantifika d-danni tieghu ghall-fini taz-zewg mandati kawtelatorji li pprezenta. Il-qorti l-ohra ma ttrattatx il-kwistjoni jekk it-talbiet tal-konvenut tal-lum kienux fondati inkella le ghaliex l-istanza tieghu nkaljat fuq il-kwistjoni tal-interess illi hija materja ta` dritt.

**Issa ghalkemm dik il-qorti sabet illi kien hemm karenza ta` interess ghaliex min japplika ghat-*tender kellu jkollu l-licenzja ta' burdnar u palesament hu* (u cioe` il-konvenut tal-lum) *ma kellux dan* irrikonoxxiet illi qabel dak it-*tender* partikolari u anke wara, il-konvenut kien inghata *tenders* fil-qasam tal-garr, ghalkemm ma kellux licenzja ta` burdnar. Dik il-qorti ssoffermat ruhha fuq il-kwistjoni li kellha quddiemha u cioe` t-*tender* partikolari u billi r-rekwizit tal-licenzja ta` burdnar kien veljanti, waqfet hemm, u ma dahlitx fil-mertu, ghaliex fil-fehma taghha kien hemm karenza ta` interess.**

Il-provi li jaghmlu parti mill-atti tal-procediment l-iehor u dawk li kienu akkwiziti fil-kawza tal-lum isegwu l-linji tal-kwistjoni. Ghalhekk din il-Qorti qeghda taghmel riferenza ghalihom **<u>bla ma tidhol f`analizi tad-dettall</u>**.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut tal-lum ighid illi meta pprezenta l-mandati in kwistjoni huwa ma kien qieghed jaghmel xejn aktar milli jezercita dritt li kellu skond il-ligi. Min-naha tieghu, l-attur tal-lum jikkontendi li l-azzjoni ghal danni hija fondata ghaliex it-talba ghall-hrug tal-mandati saret in *mala fede*.

**Din il-Qorti ma hijiex sodisfatta li saret il-prova mill-attur sal-grad rikjest mil-ligi illi l-konvenut tal-lum ipprezenta z-zewg mandati ghal raguni ta` vessazzjoni.**

Anke din il-Qorti hija tal-fehma illi min ikun qed jipprezenta kawza ghandu kull dritt illi kontestwalment jew fil-kors ta` l-istess proceddiment jipprezenta mandati kawtelatorji in sostenn tat-tezi tieghu u jekk il-parti l-ohra thoss li dawk il-mandati m`ghandhomx jibqghu aktar fis-sehh ghaliex ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-ligi, ghandha r-rimedji kif stipulati fl-Art.836 tal-Kap.12. Jidher car illi l-l-konvenut tal-lum ma segwix il-procedura stabbilita mil-ligi stess u evidentement stenna l-kawza l-ohra tintemm ghal kollox qabel ma jipprezenta l-proceddiment tal-lum. Mill-banda l-ohra pero` ghalkemm huwa koncess illi min ghandu talba ghandu dritt jikkawtelha, mill-banda l-ohra hadd m`ghandu jabbuza mill-proceduri legali, inkluzi l-mandati kawtelatorji ghall-skopijiet vessatorji. Ghalhekk irid jinzamm bilanc bejn dawk il-kazijiet fejn verament ikun hemm pretenzjoni anki fuq bazi ta` *prima facie* u dawk il-kazijiet fejn il-pretenzjoni tant tkun evidentement vessatorja illi jkun jidher car illi min ikun qed jaghmilha, jkun qed jaghmilha esklussivament sabiex jivvessa u mhux ghax ghandu xi pretenzjoni vera fuqhiex jaghmilha.

**Illi fuq li rat, qrat u semghet, din il-Qorti tghid illi dak li ppretenda l-konvenut tal-lum fil-kawza l-ohra, bis-sostenn tal-mandati kawtelatorji, ma kienx vessatorju.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni.**

**Tichad it-talbiet attrici.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art. 223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------